# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 4 ta' Diċembru, 2023.**

**Numru 1**

**Rikors numru 541/22/1 JVC**

**George Galea**

**v.**

**Tonio Xuereb**

1. L-Avukat tal-Istat appella mid-digriet li tat il-Qorti Ċivili, Prim'Awla fit-18 ta' April 2023 li bih laqgħet it-talba tal-atturi sabiex iżidu talbiet għal dawk oriġinali li wasslu għar-referenza kostituzzjonali ordnata mill-Qorti tal-Appell, Kompetenza Inferjuri (Għawdex) fis-17 ta' Awwissu 2022.

2. Fil-qosor il-fatti huma dawn:

i. L-attur fetaħ kawża kontra l-konvenut quddiem il-Bord dwar il-Kontroll ta' Kiri ta' Raba' Għall-Gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna (numru 5/2013), u talab sabiex ma jġeddidx il-kirja ta' raba' fil-limiti ta' Għajnsielem, minħabba r-raġunijiet li jissemmew f'Art. 4(a), (ċ) u (f) tal-Kap. 199.

ii. B'sentenza tal-25 ta' Frar 2022 il-Bord laqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u ċaħad it-talbiet tal-attur wara li kkonkluda li l-inkwilin ta prova li r-raba' inkwistjoni hi font importanti għall-għixien tiegħu u ser ibati aktar minn sid il-kera jekk it-talba tintlaqa'.

iii. L-attur appella mis-sentenza quddiem il-Qorti tal-Appell, Kompetenza Inferjuri. F'dak l-istadju ppreżenta rikors li bih talab lil dik il-Qorti sabiex tordna referenza lill-Qorti Ċivili, Prim'Awla sabiex jiġi deċiż jekk Art. 4 tal-Kap. 199 abbinati ma' artikoli 3 u 14 tal-istess liġi, jilledux il-jeddijiet fundamentali tal-attur kif protetti taħt l-Art. 37 tal-Kostituzzjoni u l-Art. 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, u l-Art. 6 tal-istess Konvenzjoni.

iv. B'digriet mogħti fis-17 ta' Awwissu 2022 il-Qorti tal-Appell, Kompetenza Inferjuri laqgħet it-talba u ordnat ir-referenza sabiex tingħata tweġiba dwar jekk l-imsemmija dispożizzjonijiet tal-liġi jilledux l-imsemmija jeddijiet fundamentali ta' sid il-kera.

v. B’rikors preżentat fis-6 ta’ Jannar 2023 l-attur talab lill-Qorti Ċivili, Prim’Awla sabiex iżid talbiet li bihom jingħata rimedju, u ċjoè: 1) likwidazzjoni ta’ kumpens xieraq; 2) ħlas ta’ kumpens; 3) dikjarazzjoni li l-konvenut ma jistax jibqa’ jistrieħ fuq il-Kap. 199 tal-Liġijiet ta’ Malta; u sabiex tagħti l-ordnijiet u rimedji oħra li huma meħtieġa.

vi. B’digriet mogħti fit-18 ta’ April 2023 l-Ewwel Qorti ddeċidiet *“.... ai fini biss ta’ ekonomija ta’ ġudizzju, tilqa’ t-talba u tawtorizza ż-żieda tat-talbiet mar-rikors”*. Awtorizzat ukoll lill-partijiet l-oħra sabiex jippreżentaw tweġiba oħra.

vii. B’rikors preżentat fl-24 ta’ April 2023 l-Avukat tal-Istat talab permess sabiex jappella mid-digriet.

viii. B’digriet mogħti fl-4 ta’ Lulju 2023 l-Ewwel Qorti awtorizzat lill-Avukat tal-Istat sabiex jappella.

ix. B’rikors preżentat fl-10 ta’ Lulju 2023 l-Avukat tal-Istat appella filwaqt li fit-30 ta’ Awwissu 2023 l-attur wieġeb. Il-konvenut ma weġibx.

<u>Eċċezzjoni ta’ nullità tar-rikors tal-appell</u>.

3. L-attur argumenta li l-appell hu null għaliex regolament 4(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja jipprovdi li appell wara referenza kostituzzjonali għandu jsir fi żmien tmint ijiem tax-xogħol wara d-deċiżjoni appellata.

4. Il-Qorti ma taqbilx. L-Avukat tal-Istat m'appellax minn sentenza iżda minn digriet li bih l-Ewwel Qorti awtorizzat *"iż-żieda tat-talbiet mar-rikors"*. Għalhekk regolament 4(2) tal-L.S. 12.09 ma japplikax. Għaldaqstant, tiċħad l-eċċezzjoni tal-attur.

Il-mertu tal-appell tal-Avukat tal-Istat.

5. Għal dak li jikkonċerna l-mertu tal-appell, l-Avukat tal-Istat ilmenta li l-Ewwel Qorti ma kellhiex tawtorizza ż-żieda tat-talbiet b'rimedju. F'dan ir-rigward għamel referenza għas-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Carmelo Massa v. id-Direttur għall-Akkomodazzjoni Soċjali et** tat-30 ta' April 2012 u **Joseph Barbara AIC et v. Rita Caligari** tat-13 ta' Lulju 2020, kif ukoll sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla fil-każ **il-Pulizija v. Elforjani Miloud** tas-16 ta' Mejju 2022.

6. F'referenza li ssir skont l-Art. 46(3) tal-Kostituzzjoni u l-Art. 4(3) tal-Kap. 319, il-Qorti Ċivili, Prim'Awla għandha tillimita ruħha biex tiddeċiedi dwar il-kwistjoni li ġiet riferuta lilha mill-Qorti referenti u twieġeb biss id-domandi li jkunu sarulha.

7. Dan apparti li t-talbiet li żdiedu bid-digriet tat-18 ta' April 2023 huma konsegwenzjali għad-domandi li saru mill-Qorti tal-Appell, bħala rimedju

u mhux xi kwistjoni ġdida li qamet fil-kors tal-proċedura ta' referenza li qiegħda tinstema' quddiem il-Qorti Ċivili, Prim'Awla. Bit-talbiet ġodda li l-Ewwel Qorti awtorizzat, l-attur qiegħed ifittex rimedju meta l-għan wara l-proċedura ta' referenza mhijiex li min jitlobha jingħata rimedju bil-ħlas ta' kumpens iżda li tiġi deċiza kwistjoni dwar il-ksur ta' xi waħda mid-dispożizzjonijiet dwar drittijiet fundamentali, u mbagħad il-Qorti li quddiemha tkun qamet il-kwistjoni għandha tiddisponi mill-kwistjoni skont id-deċiżjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (ara wkoll sentenza ta' din il-Qorti, **il-Pulizija v. Lawrence Attard** tat-13 ta' Lulju 2020).

8. Għalkemm hu minnu li fis-seduta tad-19 ta' April 2023 l-Avukat tal-Istat iddikjara li m'għandux x'iżid mat-tweġiba oriġinali li ppreżenta fis-26 ta' Jannar 2023, b'daqshekk ma jfisser xejn. Il-kwistjoni dwar jekk dawk it-talbiet ġodda humiex ser jagħtu lok għal xi preġudizzju lill-Avukat tal-Istat, hi irrilevanti. Iż-żieda ta' dawk it-talbiet kienet proċeduralment żbaljata. Bit-talbiet ġodda l-attur qiegħed ifittex rimedju fl-eventwalità li l-Qorti tiddikjara li hemm ksur tal-jeddijiet fundamentali ta' sid il-kera, li mhuwiex l-iskop wara r-referenza kostituzzjonali. Din mhijiex kwistjoni ta' formaliżmu eċċessiv kif argumenta l-attur, imma biss li jiġi żgurat li jsir dak l-eżerċizzju li trid il-liġi taħt l-Art. 46(3) tal-Kostituzzjoni u Art. 4(3) tal-Kap. 319. Għalhekk ukoll wieħed ma jistax jipprova jsib konfort fil-prinċipju tal-ekonomija tal-ġudizzju biex jipprova jagħmel dak li l-liġi ma tridx li jsir.

**<u>Deċiżjoni</u>.**

Għal dawn il-motivi tilqa' l-appell tal-Avukat tal-Istat tħassar id-digriet tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla tat-18 ta' April 2023 u tiċħad it-talbiet magħmula mill-attur bir-rikors tas-6 ta' Jannar 2023. Spejjeż taż-żewġ stadji a karigu tal-attur.

Ir-Reġistratur għandu jieħu ħsieb jibgħat l-atti lura quddiem l-Ewwel Qorti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm